# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru 2874

**Kaz Nru. 3926/HW** **Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Cedric Cassar**
**(K.I. 145176 M)**

**vs**

**Malta International Airpot plc.**
**(Dwar tkeccija mill-Impjieg**
**allegata li hi ngusta).**

**Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).**

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Cedric Cassar li gie pprezentat fir-registru tal-Qorti fit-18 ta' Dicembru, 2020. Matul is-simgh tal-kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Ezekiel Psaila u ghas-socjeta appellata dehret Ms Tina Lombardi li kienet assistita mill-Avv. Ron Galea Cavallazzi.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jghid, li kien ilu mpjegat mas-socjeta ntimata mill-5 ta' Lulju, 1994 u fil-bidu ta' l-impjieg tieghu kien jahdem bhala Airport Attendant u aktar tard beda jahdem bhala Security Assistant.**

**Huwa jghid ukoll, li qatt ma rraporta tard ghax-xoghol u kien jghaqdi d-doveri tieghu fejn isemmi kaz ta' serq li sehh fl'2015 u flimkien ma kollega iehor solvew dan il-kaz.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li qatt ma irrifjuta overtime u dan anke meta kien jigi msejjah f'qasir zmien u kien gie rikonoxxut mill-HR Manager, meta fl'2016 ircieva apprezament bil-miktub ta' l-attagjament u ddedikazzjoni li kellu fuq il-post tax-xoghol.**

**Huwa jghid ukoll, li jiftakar fl'2017 kien assista omm li kienet qed tara lill binha ta' 17 il-sena jsiefer wahdu u bi zball ma kienitx ghaddietlhu l-flus liema rikonoxxiement gie msemmi fuq il-media socjali.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti jghid ukoll, li kien hemm perjodu fil-hajja tieghu fejn esperjenza kemm inkwiet familjari kif ukoll kundizzjoni ta' sahha u kellhu jiddisponi minn sick leave b'nofs paga.**

**Huwa jghid ukoll, li kien f'dan iz-zmien li kien qed jiffrekwenta lill Margaret sive Louise Camilleri li kienet tahdem bhala security guard u wara ftit zmien hass li kellu jghamel pass lura peress li kienet saret ossesjonata fuqu u meta gie kkonfermat lilhu li r-ragel taghha kien**

**ikkommetta suicidju minhabba f'hekk, hu kellu kull dritt li ma jkomplix bir-relazzjoni u minn hemm beda kollox fejn bdiet theddhu li jekk mhux ser ikelliema izjed ser tara x'tghamel biex jitkecca mix-xoghol.**

**Huwa jkompli jghid, li aktar ma beda izomm il-boghod u kien jemmen li ghandhu jghamel hekk, hija bdiet iccempel lil tax-xoghol specjalment lis-superjuri tieghu fejn bdiet tghidilhom li hu kien fis-sakra u mhux f'qaghda li jidhol ghax-xoghol.**

**Huwa jghid ukoll, li kien jidhol ghax-xoghol normali u jghidulhu mela mhux fis-sakra?. Huwa jkompli jghid li fil-bidu kien jidhaka imma meta ra li din ix-xnieha qed tippersisti beda jinduna li kien hemm xi haga serja.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li snin ilu meta kien izghar gieli kien jidhol ghax-xoghol wara lejl barra imma dawn kienu sitwazzjonijiet taz-zghozija izda illum wara li kien ilu jahdem 26 sena ma' l-MIA lanqas biss johlom b'dawn l-affarijiet ahseb u ara jghamilhom.**

**Fl'istqarrija tieghu huwa jghid ukoll, li kif Margaret Louise Camilleri rat li mhux qed tasal mal-kollegi tax-xoghol tieghu, baghtet ittra lis-CEO u huwa sar jaf b'dan meta gie mressaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina. Huwa jkompli jghid, li f'din l-ittra kitbet li hu kien bniedem li jisraq mix-xoghol u li kien ikun fis-sakkra.**

**Huwa jghid ukoll, li cahad dan permezz ta' affidavit li pprezenta lil Bord ta' Dixxiplina u jerga jichad dan kategorament u minghajr riservi. Huwa**

**jkompli jghid li din il-mara ppruvat tkissru ghax dan kollu hass li huwa ma setghax jibqa f'relazzjoni maghha.**

**Fl'istqarrija tieghu r-rikorrenti jghid ukoll, li meta l-Bord ta' Dixxiplina semgha x-xhieda inkluza tieghu, uza d-diskrezzjoni tieghu sabiex infurmawh li nonostante li l-azzjoni kienet preskritta, xorta sabu hati u ma giex infurmat fuq liema kazijiet nstab hati u l-Bord ta' Dixxiplina strieh fuq xhieda u mhux fuq ohra.**

**Huwa jkompli jghid, li anke gew mibghuta l-puluzija d-dar tieghu u kienu qalulhu li kellhom rapport li kellu d-droga d-dar tieghu u meta semgha dan kesah u kkopera mal-puluzija u qallhom biex ifittxu d-dar u hadhom f'kull propjeta li ghandhu.**

**Huwa jghid ukoll, li l-puluzija ma sabu xejn u jiftakar li wiehed mill-puluzija qallhu "ghandek xi qaddisa jew qaddis li jixtieq jghamillek il-hsara. Mohhok hemm sur Cassar".**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jkompli jghid, li qieghed quddiem dan it-Tribunal biex issir gustizzja u ghax spicca minghajr xoghol, jinsab mentalment imkisser, huwa innocenti u l-Amministrazzjoni tal-MIA flok ghejnuh rat x'ghamlet biex tapprofitta ruhha mis-sitwazzjoni u kieccieth u.**

**Ir-rikorrenti jghalaq l-istqarrija tal-kaz tieghu fejn jghid, li dejjem hadem ghas-success tal-kumpanija u dejjem kien ta' ghajnuna ghall haddiema**

**kollegi tieghu u hadem maghhom id f'id u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu kienet ingusta.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li r-rikorrenti gie moghti letter of charge datat 6 ta' Mejju, 2020 u gie mistieden jirrispondi ghall-akkuzi migjuba kontrih u ghamel dan permezz tal-UHM Voice of the Workers, li hija l-Union li tirraprezentah u dan permezz ta' email datata 15 ta' Mejju, 2020 u permezz ta' ittra datata 25 ta' Gunju, 2020. Is-socjeta tghid ukoll, li wara kkunsidrat ir-risposta tieghu u wara l-investigazzjonijiet li saru kienet irreferit il-kaz lill-Bord ta' Dixxiplina.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li r-rikorrenti gie moghti kull opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu skond il-Ftehim Kollettiv u wara process ta' dixxiplina nstab hati u ghaldaqstant id-Decizjoni giet cirkulata lill-partijiet fit-22 ta' Ottubru, 2020 u li tghid "The Board finds Cedric Cassar guilty as charged in breach of the Anti-Bullying Policy, the Alcohol Abuse Policy and Dereliction of Duty". Is-socjeta tghid ukoll, li l-Bord ta' Dixxiplina hass illi l-akkuzi l-ohrajn ma gewx pruvati b'mod sodisfacenti.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li membru tal-Bord ta' Dixxiplina li kien appuntant mill-Union ghamel minority report, izda li dan il-minority report ma jbiddel xejn mid-Decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u lanqas ghandu jittiehed konjizzjoni tieghu ghaliex ebda rapport simili ma hu kontemplat fil-proceduri ta' dixxiplina u lanqas hu l-kompitu tal-Bord ta' Dixxiplina jew xi membru tieghu li jaghmel tali rapport.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li l-funzjonijiet tal-Bord ta' Dixxiplina huma cirkoskritti b'mod car f'paragrafu 4.5 tal-proceduri ta' dixxiplina u jekk xejn, il-kwistjonijiet imsemmija f'dak ir-rapport setghu jitnizzlu bhala mitigating circumstances fid-decizjoni tal-Bord, kif jikkontempla l-istess paragrafu 4.5, izda dan ma sarx. Minkejja dan, is-socjeta ghazlet li ma tappellax id-Decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina.**

**Is-socjeta tkompli tghid li permezz ta' email datata 26 ta' Ottubru, 2020 ir-rikorrenti baghat Avviz ta' Appell skond il-procedura tal-Ftehim Kollettiv izda skond il-paragrafu 4.11 tal-proceduri ta' dixxiplina l-Avviz ta' Appell ma jitqiesx validu ghax il-parti li trid tappella titlef id-dritt ghal appell, jekk dik il-parti ma tissottomettix lill-parti l-ohra ittra ta' appell bir-ragunijiet u li taghti r-ragunijiet li abbazi taghhom dik il-parti tixtieq tappella u tispjega l-argumenti kollha taghha fir-rigward ta' dawn ir-ragunijiet ghal-appell u li dan ghandu jsir sa ghaxar (10) granet ta' xoghol mis-sottomissjoni tal-Avviz ta' Appell.**

**Is-Socjeta tghid ukoll, li peress ir-rikorrenti ssottometta l-ittra ta' l-Appell meta kienu ghaddew ghaxart (10) t'ijiem huwa tilef id-dritt li jinstema l'Appell.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li kien fl-interess tar-rikorrenti li jara li l-appell tieghu jigi sottomess fil-hin, u ghalhekk ir-rikorrenti jgorr hu r-responsabilita tan-nuqas tieghu li wassal ghall-konferma ta' htija permezz tad-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tkompli tghid, li thoss li ghanda twiegeb ghal certu allegazzjonijiet tar-rikorrenti fosthom :**
**L-allegazzjoni li l-Bord ta' Dixxiplina huwa maghzul u dirett mis-socjeta intimata hija ghal kollox inveritiera ghax il-Bord jinhatar skond id-dispozizzjonijiet tal-procedura ta' dixxiplina, kif maqbula mal-Unions fil-Ftehiem Kollettiv u li ghalkemm is-socjeta tahtar il-President tal-Bord, dan ikun dejjem persuna ta' integrita, imparzjali u indipendenti mis-socjeta intimata.**

**Hija tghid ukoll, li f'dan il-kaz partikulari il-Presidnet tal-Bord kien is-Sur Franco Masini, li huwa wkoll Chairperson ta' dan l-Onorabbli Tribunal u ghaldaqstant, altru milli kompetenti sabiex jippresjedi Bord ta' Dixxiplina. Hija tkompli tghid, li z-zewg membri l-ohrajn intghazlu wiehed mis-socjeta ntimata u l-iehor mill-Union li tirraprezenta lir-rikorrenti u dan dejjem skond id-dispozizzjonijiet tal-paragrafu 6.1 tal-proceduri tad-dixxiplina.**

**Is-socjeta tghid ukoll, ll rigward l-allegazzjoni li ghamel ir-rikorrenti li l-kazijiet fil-konfront tieghu kienu preskritti pero skond il-paragrafu 6.3 tal-proceduri ta' dixxiplina l-Bord ta' Dixxiplina ghandu d-deskrizzjoni li jiddeciedi li jista jipprocedi bil-kaz.**

**Fl'istqarrija taghha s-socjeta tghid ukoll, li r-rikorrent donnu jattakka d-decizjoni ta' tkeccija u jghid li hija ngusta u minghajr ma jispecifika ghalfejn. Hija tghid ukoll, li wiehed jista' biss jispekula li r-rikorrent qed**

**jallega li skond hu s-socjeta ntimata ma ressqitx prova konklussiva fir-rigward tal-akkuzi u li s-sejba ta' htija mhix raguni gravi bizzejjed li timmerita tkeccija.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li wiehed ghandu jqis illi l-process ta' dixxiplina adoperat mis-socjeta huwa wiehed mill-aktar elaborat, trasparenti u li jaghti dritt ta' difiza lill-impjegat u dan isir sabiex l-impjegati jkollhom kull opportunita jaghmlu l-kaz taghhom quddiem persuni li m'humiex impjegati tas-socjeta intimata u sabiex jigi determinat jekk humiex hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom jew le.**

**Is-Socjeta tghid ukoll li fil-kaz inkwestjoni il-Presidnet tal-Board ta' Dixxiplina iservi ukoll bhala Chairman ta' dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali.**

**Is-socjeta tkompli tghid li ghaldaqstant, m'ghandu jkun hemm ebda dubju dwar l-integrita tal-individwi li jservu fuq il-Bord ta' Dixxiplina li jkunu qed jaghrblu l-fatti u l-provi migjuba quddiemhom u li jaghmlu xogholhom sewwa b'livell ta' serjeta u maturita komparabbli ma dan l-Onorabbli Tribunal Industrijali .**

**Hija tkompli tghid li f'dan il-kaz, ic-charge li nharget kontra r-rikorrenti hija bbazata fuq akkuza li r-rikorrent kiser numru ta' regoli u policies u instab hati apparti minn Derelication of Duty, li kiser l-anti-harassment and Bullying Policy u Drug and Alcahol Abuse Policy.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li resqet il-provi taghha u l-membri tal-Bord ta' dixxiplina dehrilhom illi dawn il-provi kienu bizzejjed sabiex ir-rikorrent jinstab hati.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li ghal dawn ir-ragunijiiet u abbazi ta' l-analzi maghmula mill-Bord ta' Dixxiplina huwa evidenti li s-socjeta ntimata ressqet provi bizzejjed sabiex ir-rikorrent jinstab hati ta' numru ta' akkuzi migjuba kontrih li skond il-procedura ta' dixxiplina huma meqjusa bhala serious offences u dan huwa konfermat mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li fir-rigward ta' allegazzjoni tar-rikorrenti li din mhix raguni gravi bizzejjed li timmerita tkeccija, li darb'ohra s-socjeta ntimata tirreferi ghal procedura ta' dixxiplina senjatament paragrafu 45 li ghal darb'ohra bi qbil bejn il-Unions u s-socjeta ntimata jaghti l-fakulita u diskrezzjoni lill-Kap Ezekuttiv tas-socjeta ntimata li japplika wahda mill-pieni f'paragragu 5 tal-istess procedura.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li l-Ligi nostrana ma tghidx x'ghandu jew x'jista jikkwalifika bhla raguni tajba u bizzejjed ghal tkeccija, izda tghid biss fl-artikolu 36 (14) tal-Kap 452 li l-principal ma jistax igib bhala raguni tajba u bizzejjed ghal tkeccija minhabba f'dan, huwa komuni hafna illi dak li jikkostitwixxi jew li ghandu jitqies illi jikkostitwixxi raguni tajba u bizzejjed ghal tkeccija jigi maqbul kuntrattwalment bejn il-partijiet u hekk gara f'dan il-kaz, fejn dawk ic-cirkostanzi kollha li huma elenkati f'paragragu 4.6 tal-procedura ta' dixxiplina gew maqbula illi kollha huma**

**serious offences u ta' serjeta tali li jimmeritaw il-pieni f'paragrafu 5 tal-istess procedura, inkluz it-tkeccija mill-impieg.**

**Fl'istqarrija tal-kaz taghha s-socjeta tghid ukoll li ghaldaqstant, l'allegazzjoni tar-rikorrent li s-sejba ta' htija ta' serious offence da parti tar-rikorrent mhix raguni gravi bizzejjed li timmerita tkeccija ma ssib ebda konfort, la fil-Ligi u lanqas kuntrattwalment fil-Ftehim Kollettiv imma ghall-kuntrarju huwa specifikat li sejba ta' htija ta' serious offence hija ta' natura gravi bizzejjed kif tassew jindika l-isem stess li timmerita l-piena maqbula ghal serious offence inkluz it-tkeccija mill-impjieg.**

**Is-socjeta tikkonkludi l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid li qed titlob lit-Tribunal Industrijali biex jichad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier taghhom u bl-ispejjez.**

**Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti kien ilu jahdem mas-socjeta ntimata mill-5 ta' Lulju, 1994 u meta l'impjieg tieghu gie terminat huwa kien jokkupa l-grad ta' Security Assistant.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-Sur Alan Borg li jokkupa l-grad ta' CEO tas-socjeta ntimata rcieva ittra datata 6 ta' April, 2020 minghand Ms Margaret sive Louise Camilleri li tahdem Security mal-G4S u hija allokati fil-Malta International Airport.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li fi f'zmien qabel Margaret Louise Camilleri kellha relazzjoni mar-rikorrenti u meta r-relazzjoni taghhom spiccat hija bghatet l-ittra lis-CEO tal-Malta International Airport u f'din l-ittra hija ir-rapurtat lir-rikorrenti li kien wettaq diversi nuqqasijiet waqt il-qaghdi ta' dmirijiethu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara s-Sur Alan Borg rcieva l-ittra msemmija ghamel investigazzjonijiet preliminari u wara rrefera l-kaz lid-Dipartiment tar-Rizorsi Umani fejn gie mwaqqaf Bord ta' Dixxiplina skond il-Ftehim Kollettiv biex jinvestiga l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tar-rikorrenti u wara process ta' Dixxiplina r-rikorrenti nstab hati u gie tterminat l-impjieg tieghu.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll fit-12 ta' Ottubru, 2020 il-Bord ta' Dixxiplina pprezenta rapport li jghid "The Board examined with care the evidence tendered by the witnesses, the documents tabled at the sittings and the conclusive pleas by the advocates of both sides. The degree of proof is to the level of balance of probability and the Board's moral conviction is therefore connected to that level. Two sworn statements were tabled and the Board was called upon to weigh on conflicting statements and credibility issues. It has deliberate at length and conclusively it has arrived at following result.**

**The Board finds Cedric Cassar guilty as charged in breach of the Anti-Bullying Policy, the Alcohol Abuse Policy and Dereliction of Duty.**

**The other offences listed in the charge letter have not been satisfactorily proved.**

**During the sitting a point was raised in connection with a possible breach of procedures leading to the charge against Cedric Cassar. It appears that the Company was well aware of some of the alleged offences well before the issue of the Charge letter. The Board decided to exercise its discretion in terms of section 6.3 of the Disciplinary Procedures and let the matter stand without annulling the discplinary procedures".**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li s-socjeta ntimata nfurmat lir-rikorrenti permezz ittra datata 13 ta' Novembru, 2020 li tghid "The decision of the Disciplinary Board which was formally notified to you, your union representative and you lawyer, by email on the 22 October, 2020 found you guilty of a number of the charges brought against you, namely those relating to bullying, alcohol abuse and dereliction of duties.**

**Your lawyer submitted an Appeal Notice on your behalf on the 25 October, 2020 quoting that this was being done in terms of of paragraphs 4.5 and 4.10 of the disciplinary procedures. This Appeal Notice suspended the application of the decision of the disciplinary board, until a reasoned letter of appeal is submitted and the disciplinary appeals board decides on the matter or, if no reasoned letter of appeal is submitted, until the deadline for submitting such reasoned letter of appeal.**

**Following the Appeal Notice no reasoned letter of appeal has been submitted by you or your behalf, in terms of paragraph 4.11 the reasoned letter of appeal was to be submitted to the Company within 10 working days from the Appeal Notice, that is the 9 November 2020. Paragraph 4.11 also specifies that the failure to submit reasoned letter of appeal within such time period invalidates the Appeal Notice and that the party seeking to appeal would forfeit the right to appeal.**

**As at the date of this letter being more than 3 full days from the deadline for submission of a reasoned letter of appeal, no such reasoned letter of Appeal has been received. Accordingly, the Appeal Notice submitted by your lawyer on the 25 October, 2020 is invalidated and you have forfeited your right to appeal.**

**This state of fact lifts the suspension of the application of the decision of the disciplinary board, which is now considered final.**

**You will understand that, with such decision finding you guilty of multiple serious offences, your position with the Company is no longer tenable. Accordingly, in view of the confirmation of guilt and the serious nature of the offences, your employment is being terminated with immediate effect in terms of paragraph 5.4 of the disciplinary procedures".**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Tina Lombardi li tokkupa l-kariga ta' HR tas-socjeta ntimata. Fix-xhieda taghha hija tghid, li l-kwistjoni bdiet meta l-Kap Ezekuttiv ircieva ittra minghand Margaret Louise Camilleri fejn ghamlet certa akkuzi fil-konfront tar-rikorrenti. Hija tghid ukoll, Margaret Louise Camilleri ma kienitx impjegata mas-socjeta ntimata imma kienet impjegata mal-G4S fl'airport u li dawn jahdmu flimkien mas-securities mpjegati mal-Malta International Airport.**

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li Margaret Louise Camilleri kellha relazzjoni mar-rikorrenti u li huwa kien jahdem Security Assistant f'diversi areas ta' MIA fosthom fil-Control Room l-HBS fejn f'dan il-post kien hemm impjegata ohra li kienet irrapurtat lir-rikorrenti li kienet sabithu rieqed u f'dan il-post tax-xoghol jigu ccekkjati l-bagalji u hemm CCTV cameras.**

**Hija tghid ukoll, li fost id-diversi akkuzi li saru fil-konfront tar-rikorrenti kienu dwar bullying, kien jidhol ghax-xoghol taht l-nfluenza ta' l-alcahol, xurban, gieli accetta tips li hija kontra l-policy tal-kumpanija, kien jiehu xi affarijiet tal-kumpanija ghal uzu personali tieghu, kien jorqod fuq il-post tax-xoghol, kien jitlaq minn fuq il-post tax-xoghol biex jorqod u jabbuza mis-sick leave. Ix-xhud tghid ukoll, li fl'ittra semmiet li darba ir-rikorrenti meta kien xoghol l-HBS waqalhu qartas mill-but li kien fih powder u bdiet tghid li kienet droga u meta gara dan kien hemm nies ohra prezenti.**

**Fix-xhieda taghha Ms Lombardi tghid ukoll, li wara li ircevew l-ittra kellmet lil Margaret Louise Camilleri u xi mpjegati ohra u hareg Charge fil-konfront tar-rikorrenti u wara r-rikorrenti permezz ta' l-assistenza tal-Union innega l-akkuzi li saru fil-konfront tieghu u prattikament r-risposta tieghu kienet li sa fejn jaf hu ma ibbullja lil hadd, mhux veru li jigi ghax-xoghol xuban, kellu track record ta' puntwalita fuq il-post tax-xoghol, qatt ma ha tips, li t-tabib dejjem sabu d-dar, li l-affarijiet li ha minn fuq ix-xoghol kienu ghal uzu tax-xoghol u li meta telaq minn fuq il-post tax-xoghol telaq mill-HBS ghamel hekk biss biex jistrecja saqajh.**

**Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti tella tlett xhieda wiehed minnhom huwa is-Sur Bartolo minn Team Willingness fejn xehed fuq it-testijiet biex jippprova li ma kienx qed juza droga u tella wkoll lis-sur Murgo li huwa l-Head tas-Security Department.**

**Ms Lombardi tkompli tghid, li matul il-Bord ta' Dixxiplina l-avukat tar-rikorrenti qajjem il-punt li certu akkuzi kienu ilhom hafna u ma kellhomx jittiehdu passi ghaliex skond il-procedura ta' dixxiplina kienu preskritti.**

**Hija tghid ukoll, li certi akkuzi kienu saru aktar minn tlett xhur pero l-Bord ta' Dixxiplina hassew li xorta kellhom jittiehdu passi ghax ghandu d-diskrezzjoni li jekk jara difett xorta jista' ma jannullax il-proceduri.**

**Hija tghid ukoll, li anke fid-decizjoni li ghamel il-Bord ta' Dixxiplina din id-deskrizzjoni semmija u ddecieda li jisma u jiddeciedi fuqhom u l-Bord ta' Dixxiplina ddecieda li r-rikorrenti kien hati ta' tlett akkuzi; li huma**

**Anti Bullying Policy, Anti Drug and Alcohol Abuse u t-tielet wahda Dereliction of Duty meta kien rieqed jew mhux fuq il-post tax-xoghol.**

**Rigward l-appell ix-xhud qalet, li skond il-procedura kellhom jircievu l-ewwel notice of appeal imbaghad within ten days from the notice of appeal trid tigi submitted reasoned letter of appeal.**

**Hija tghid ukoll, li d-decizjoni minghand il-Bord ircevewa fit-22 ta' Ottbubru u giet mibghuta lill parti l-ohra. Hija tkompli tghid, li l-Appeal Notice rcevewa fis-26 ta' Ottubru u r-Reasoned of Appeal li kellhom jircevewa sa 9 ta' Novembru ma waslitx sa din id-data anzi ma ircevewa xejn u ghaldaqstant peress li ma ircevew xejn fit-13th Ottubru harget il-letter of termination u kien wara t-termination letter li rcevew ir-Reasoned Letter.**

**Fx-xhieda taghha tghid ukoll, li l-ittra li ntbghatet minn Margaret Louise Camilleri kienet datata 6 ta' April 2020 imma s-socjeta ntimata rcevieta fid-9 ta' April, 2020 u l-ittra "Charge" li l-management bghat lir-rikorrenti kienet datata 6 ta' Mejju, 2020. Hija tkompli tghid, li skond Klawsola 4.2 tal-Ftehim Kollettiv hemm miktub illi l-HR jew l-amministrazzjoni ghanda tibghat din il-komunika fi zmien ghoxrin gurnata u li dawn huma working days u ghalkemm jidher li ghaddew 20 gurnata imma l-Bord ta' Dixxiplina uza d-deskrizzjoni tieghu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Ms Margaret Louise Camilleri u tghid li tahdem ir-registru pubbliku imma tahdem ukoll bhala part-time**

**mas-security G4S u tkun assenjata xoghol l-MIA. Hija tkompli tghid li r-rikorrenti kien il-partner taghha u ghamlu xi 3 jew 4 snin flimkien.**

**Hija tghid ukoll, li kienet bghatet l-ittra lis-Sur Alan Borg li hu CEO tal-MIA ghax meta kienet cemplet lir-rikorrenti fuq il-mobile, huwa ma kienx qata il-mobile, u bdiet tisimghu jghid li ried jirrapurtahha biex ikkeccuha mill-airport.**

**Hija tghid ukoll, li r-rikorrenti kien imur fis-sakra ghax-xoghol u meta ma jkunx xoghol fil-ghaxija kien jixrob u jdum barra u fil-ghodu kien jidhol ghax-xoghol xurban u dan kien jafu kulhadd. Hija tkompli tghid, li kien hemm affarijiet li semghathom minghand haddiehor bhal meta r-rikorrenti kien xoghol l-HBS u kellu xi pakkett li waqghalu mill-but u kien hemm min qallha biex toqghod attentata ghax jekk tkun mieghu tehel daqsu.**

**Hija tghid ukoll, li ma tiftakarx ezatt l-granet meta r-rikorrenti kien imur fis-sakra imma tiftakar li fid-29 ta' Jannar, 2020 kienet cemplet lis-Sur Stephen Brincat li kien Snr Officer tar-rikorrenti u qaltlhu biex joqghod attent ghax ir-rikorrenti dam jixrob sal-hdax u nofs ta' bil-lejl u fil-ghodu kien se jidhol fis-sakra u wara dan is-Snr Officer Stephen Brincat kien ha passi ghax fil-ghodu bghat lir-rikorrenti d-dar wara xi siegha li kien dahal ghax-xoghol.**

**Hija tghid ukoll, li tiftakar meta r-rikorrenti kien jirraporta sick kienet tigibdlu l-attenzjoni biex ma johrogx mid-dar imma huwa kien johrog**

**xorta wahda u fit-18 ta' Jannar, 2020 ir-rikorrenti kien irraporta sick u mar jara loghba football u hija bghatet ritratti lis-Sur Alan Borg biex tikkonfermalu li r-rikorrenti kien verament johrog mid-dar meta jirraporta sick.**

**Hija tkompli tghid, li 24 ta' Marzu ir-rikorrenti kien xoghol l-HBS u ghamel xi sghatejn rieqed u kienet Amanda Mizzi li wara marret sabet lix-xhud u qaltilha b'dan.**

**Fix-xhieda taghha hija ssemmi ukoll, li kien hemm haddiema ohra li jahdmu mal-G4S u li kienu jahdmu mar-rikorrenti fl'HBS u r-rikorrenti dejjem jibbulijahom u fost dawn il-haddiema ssemmi wiehed li jismu Stephen Micallef u iehor Silvan li dawn kienu jiddejjqu jahdmu mar-rikorrenti ghax dejjem jibullijahom.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li fil-perjodu li kienet tohrog mar-rikorrenti ma kienitx taf b'dawn in-nuqqasijiet tieghu ghax kieku tahseb li ma kienitx toqghod mieghu.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Stephen Brincat li ghandhu l-grad ta' Snr Officer fis-security mal-Malta International Airport u huwa s-superjur tar-rikorrenti. Fix-xhieda tieghu jghid li r-rikorrenti kien ilu jahdem taht is-supervizjoni tieghu ghal dawn l-ahhar sentejn.**

**Huwa jghid ukoll, li meta bghat ghalih ic-CEO staqsieh jekk ir-rikorrenti kienx jigi xurban fuq il-post tax-xoghol u jghid li qallhu li r-rikorrenti gieli**

**cempel ftit qabel ma jibda d-duty tieghu fejn jitlob biex jiehu emergency leave u ghalkemm ma jghidilhomx li kien xurban imma minn lehnu kien jinstema li kien ikun xurban u jghatih xi erba sieghat jew sitt sieghat leave biex ir-rikorrenti jilhaq jigi f'tieghu sabiex jigi sewwa ghax-xoghol.**

**Ix-xhud ikompli jghid, li kien hemm mumenti fejn vera kien jigi ghax-xoghol mhux mxengel jew jghamel xi storbju, imma jkun jinhass li forsi seta dam barra u kellu effett tal-alkahol u ghal gid kemm tar-rikorrenti u anke tieghu li kien jirrispondi ghalih kien jibghatu d-dar forced leave.**

**Ix-xhud jghid ukoll, li akkuza ohra li qallu CEO kienet li r-rikorrenti jorqod fuq il-post tax-xoghol u jghid li hu qatt ma mar fuq ir-rikorrenti u sabu rieqed pero kien hemm persuna fejn qaltlu li kien rieqed jew jghonos jew b'saqajh mghollija pero meta mar ikellem lir-rikorrenti huwa dejjem cahad dawn l-akkuzi.**

**Is-Sur Brincat jghid ukoll, li kieku riedt jaqbad lir-rikorrenti setgha jfettex fir-recordings tal-cameras pero qatt ma ghamel dan ghax ir-rikorrenti kien ragel ta' xogholhu, dejjem obda u fejn bghatu dejjem hadem sewwa.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Brincat jirreferi wkoll li fis-17 ta' Dicembru, 2019 kien hemm iekla tax-xoghol u dak inhar ir-rikorrenti kien cempell sick. F'din l-iekla kien hemm Margaret Louise Camilleri u waqt li kienu qed jieklu qaltlhu ma jiflahx Cedric u minn naha tieghu wiegeb li kien**

**irraporta sick u hi wrietu ritratt fejn ir-rikorrenti kien ma huh qed jixrob u qaltlu li dan ir-ritratt kien bghatulha r-rikorrenti.**

**Ix-xhud jghid ukoll li fuq l-akkuza ta' bullying, li fl'HBS ikun hemm wiehed mis-securities ta' l-MIA u iehor tal-G4S u meta jiddiskrivi bullying huwa jghid li ma jfissirx fis-sens li r-rikorrenti kien issawthom jew jheddidhom ma kien lanqas xejn min dan imma, waqt li jkunu fil-Control Room tal-HBS hemm magna u biex ma ssirx hsara lic-cinga jaqbdu il-bagalji kbar jghadduhom mill x-ray machine u biex tghamel dan trid tohrog, trid tqum minn bil-qieghda u tiktiba.**

**Huwa jkompli jghid, li tal-G4S allegaw li r-rikorrenti kien joqghod iqabbad lilhom u meta waslitlu din l-informazzjoni kellem lir-rikorrenti fejn nnega u wara mar jiccekkja il-log book u sab li f'l-ahhar jumejn tal-G4S kienu ghamlu aktar bagalji mir-rikorrenti.**

**Ix-xhud jghid ukoll u jirreferi ghar-relazzjoni li kien hemm bejn ir-rikorrenti u Margaret Louise Camilleri li ghal Frar, 2020 beda jara li is-sitwazzjoni bejniethom bdiet teskala u meta ra dan gibed l-attenzjoni tas-superjuri tieghu.**

**Huwa jkompli jghid, li Margaret Louise Camilleri kienet tibghatlu hafna messaggi fuq ir-rikorrenti fejn tghidlu li r-rikorrenti hareg ma shabu u li jdum barra bil-lejl sa l-erba ta' fil-ghodu jixrob imma huwa ghalkemm ma kienx jghatiha wicc xorta kienet tibqa tibghat u ghalkemm hu kien**

**responsabbli min hafna haddiema qatt ma ircieva messaggi ta' din ix-xorta minghand haddiehor.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed Silvan Giordano li jahdem bhala security mal-G4S. Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li kien jahdem mar-rikorrenti fejn jiskrinjaw il-bagalji u gieli r-rikorrenti kien ikun naqra rrabjat u gieli kien jigi fis-sakra.**

**Huwa jghid ukoll, li kien ghamel rapport verbali lis-Snr Officer tal-MIA ghax ir-rikorrenti gieli kien johrog mill-kamra tal-HBS u jiehu hin twil biex jigi lura u ghalhekk kien ikun wahdu jghamel ix-xoghol hu, ma dan ir-rikorrenti gieli kien jghidlhu li kien ghajjien u biex jiehu hsieb ftit hu u minn naha tieghu kien jghidlu mhux problema. Huwa jghid ukoll, li kien jghamel hekk ghax qiesu kien jibza u wara kollox ir-rikorrenti kellu jghatih ezempju ghax hu ma tantx kien ilu jahdem hemm.**

**ix-xhud jghid ukoll, li meta hassu hazin kien ir-rikorrenti li ha hsiebu u jkompli jghid, li ma kellu xejn kontra r-rikorrenti u ma kienx jigi bullying minghand ir-rikorrenti imma kien idejjqu ghal mod kif jahdem u kif kien jagixxi fuq ix-xoghol.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehdet Ms Amanada Mizzi u fix-xhieda taghha tghid, li dahlet ghax-xoghol fl'HBS u sabet lir-rikorrenti rieqed u wara sabbat il-bieb. Hija tghid ukoll, li kien bil-lejl u l-gurnata ma tiftakarx x'kienet imma tahseb anke sena qabel ma r-rikorrenti gie mkecci mix-xoghol.**

**Hija tghid ukoll, li rrapurtat verbalment lis-Senior Officer Stephen Brincat u ma kienitx taf jekk ittiehdux passi dixxiplinarji. Hija tghid ukoll li fil-kamra hemm camera fin-nofs**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali is-Sur Aldo Spiteri pprezenta affidavid fejn jghid, li kien jahdem mal-MIA fil-grad ta' Snr Security Officer. Huwa jghid ukoll li fuq ir-rikorrenti ma jista jghid xejn ghax dejjem kien obbidjenti u dejjem wera interess fuq ix-xoghol.**

**Huwa jkompli jghid, li r-rikorrenti dejjem ir-rapporta ghax-xoghol fil-hin u qatt ma jaf li abbuza jew b'xi moghod ha kunfidenza li ma jaqdix dmiru u dejjem obda anke meta kien jghidlu biex jibqa overtime.**

**Huwa jghid ukoll li fuq ir-rikorrenti m'ghandhu xejn xi jghid u qatt ma tah problemi.**

**Is-Sur Spiteri jkompli jghid, li meta mietet ommu (jirreferi ghar-rikorrenti) kien jifhima li kien ghaddej minn mumment difficli. Kien jarrah li jkun hazin imma kien jifhem it-tbatijja tieghu, u kemm jista jkun kien jghatih xoghol li jaf li jkun jista jghamlu. Teamwork kien importanti u ma shabu tax-xoghol ir-rikorrenti kien jarah li jmur tajjeb.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali xehed is-Sur Patrick Murgo li jokkupa l-grad ta' Head of Security fejn jghid li huwa l-Head of Department u jghamel parti mill-management tas-socjeta ntimata.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid, li qabel ma ircevew l-ittra minghand Ms Margaret Louise Camilleri ir-rikorrenti kien kellmu fuq is-sitwazzjoni li kien qed jiffaccja dwar il-problema li kellu ma Margaret Louise Camilleri inkluz dwar il-messaggi li kienet qed tibghat.**

**Huwa jghid ukoll, li r-rikorrenti kien iwettaq it-tasks li kienu jigu moghtija lillhu imma kellu xi nuqqasijiet pero qatt ma ttiehdu passi dixxiplinarji fil-konfront tieghu.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li meta gie rrapurtat lilhu li r-rikorrenti kien instab rieqed kien ta' struzzjonijiet biex iwiddbuh pero ma kienet saret l-ebda investigazzjoni fuq il-kaz.**

**It-Tribunal Industrijali ezamina diversi messaggi bejn ir-rikorrenti u Margaret Louise Camilleri. Min dawn il-messaggi jidher car li r-rikorrenti ma riedtx ikompli bir-relazzjoni li kellu maghha u jidher ukoll li hi ma kienitx qed taccetta li tintemm ir-relazzjoni ta' bejniethom.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwistjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa l-punt li ghamel l-Avukat tar-rikorrenti dwar il-kazijiet li allegatament sehhew kien ghadda hafna zmien minn fuqhom u meta l-management tas-socjeta ntimita ircieva l-ittra fis-6 ta' April, 2020 minghand Margaret Louise Camilleri ma harigx ic-charge fil-konfront tar-rikorrenti fi zmien ghoxrin gurnata**

**tax-xoghol u dan skond il-Ftehim Kollettiv u ghaldaqstant dawn l-akkuzi kienu preskritti.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-kaz jirrizultalu, li kemm alleggatament il-kazijiet kienu ilhom li sehhew kif ukoll li c-Charge ma harigx mill-management fi zmien ghoxrin gurnata tax-xoghol kif jispecifika l-Ftehim Kollottiv pero mill-istess porceduri ta' dixxiplina jirrizulta, li l-Bord ta' Dixxiplina jista juza d-deskrizzjoni tieghu biex ikompli jipprocedi bil-kaz u invista ta' dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-process ta' dixxiplina ma sarx bi ksur tal-Ftehim Kollettiv.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-ittra tat-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti jirrizulta, li r-rikorrenti nstab hati ta' Derelication of Duties, Anti-Bullying Policy u anti-Alcohol Policy.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina l-kaz jinnota, li r-rikorrenti nstab hati fuq elenku ta' kazijieti separati li allegatament sehhew fuq perjodu ta' zmien u liema kazijiet ma gewx imressqa mis-superjuri tar-rikorrenti imma gew instigati mill-ittra ta' l-ex partner tar-rikorrenti li giet mibghuta lis-CEO tas-socjeta ntimata.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali se jezamina l-kazijiet li r-rikorrenti instab hati fuqhom u jibda billi jirreferi ghall-kaz li tixhed fuqu Amanda Mizzi li tghid kienet sabet lir-rikorrenti rieqed fl'HBS.**

**Meta t-Tribunal Indusrijali jezamina x-xhieda taghha l-ewwel ma josserva huwa, li x-xhud ma tafx meta ezattament sehh l-kaz u tahseb li dan sehh bejn wiehed u iehor xi sena u disa xhur qabel ma irrikorrenti gie tterminat l-impjieg tieghu. It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll li fix-xhieda ta' Amanda Mizzi tghid, fil-kamra hemm CCTV cameras u dwar il-kaz irrapurtat verbalment lis-Snr Officer Stephen Brincat.**

**It-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li minn kif jirrizulta mill-provi u mix-xhieda tas-Sur Stephen Brincat huwa jikkonferma li ircieva rapport dwar dan il-kaz u jghid, li ghamel l-investigazzjonijiet tieghu billi avvicina lir-rikorrenti li minn naha tieghu nnega li kien rieqed.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Brincat jghid ukoll, li ma jafx jekk ir-rikorrenti kienx rieqed jew b'ghajnejh mghaluqa jew kien qed jonos pero huwa jghid ukoll, li kull meta ghamel ir-rondi u ccekkja lir-rikorrenti qatt ma sabu rieqed u r-rikorrenti kien ta' xogholhu, dejjem obda u fejn bghatu dejjem hadem sewwa.**

**Rigward il-kaz xehed ukoll is-Sur Patrick Murgo li jokkupa l-grad ta' Head of Security u kif jghid hu jghamel parti mill-management. It-Tribunal Industrijali jinnota li fix-xhieda tas-Sur Murgo huwa jghid, li r-rikorrenti kien iwettaq it-tasks li kienu jigu mghotija lilhu u huwa jirreferi ghal dan il-kaz fejn jghid li kien gie irrapurtat lilhu u ta' struzzjonijiet biex ir-rikorrenti jigi mwiddeb.**

**Rigward dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li qabel ma r-rikorrenti kellu jigi mwiddeb, il-management kien obbligat li jghaddi lir-rikorrenti process ta' dixxiplina fejn kellu jinhareg Charge fil-konfront tar-rikorrenti u dak inhar ir-rikorrenti kien ikollu l-opportunita li jiddefendi l-kaz tieghu permezz li jgieb mhux biss xhieda imma wkoll evidenza ta' filmati tas-CCTV cameras u minn hemm jigi stabilit jekk ir-rikorrenti kienx hati ta' dan in-nuqqas allegat.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra kaz iehor li tressaq fil-konfront tar-rikorrenti dak li jittratta skartar minn fuq il-post tax-xoghol u li kien jghamel bullying ma Securities tal-G4S.**

**Dwar dan il-kaz xehed Silvan Giordano haddiem tal-G4S li kien jahdem mar-rikorrenti fl'HBS fejn jghid, li r-rikorrenti gieli kien jillarga ghal hin twil minn fuq il-post tax-xoghol u dwar dan ghamel rapport verbali lis-Snr Officer.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina dan il-kaz jirrizultalu, li skond ix-xhieda tas-Snr Officer Stephen Brincat meta wassallu dan ir-rapport huwa nvestiga dan il-kaz fejn avvicina lir-rikorrenti li minn naha tieghu cahad dawn l-akkuzi.**

**Fix-xhieda tieghu s-Sur Brincat jghid ukoll, li kien iccekkja l-log book u fuq jumejn irrizultalu li l-haddiema l-ohra kienu rregistraw aktar bagalji mir-rikorrenti.**

**Dwar dan il-Kaz it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-ewwel aspett ma nafux meta gara dan il-kaz u fit-tieni aspett ghaliex ma saritx investigazzjoni biex jigi stabilit meta sehh il-kaz bid-dati u l-hin li r-rikorrenti illarga minn fuq il-post tax-xoghol u kemm dam hin meta irritorna lura fl'HBS kif ukoll kemm ir-rikorrenti ghamel bagaliji anqas mill-haddiema l-ohra.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li kieku dak inhar li gie irrapurtat il-kaz gie mniedi process ta' dixxiplina u r-rikorrenti kien jigi pprezentat bl'evidenza ta' meta kienu d-dati li sar il-kaz li llarga mill-HBS u kemm ghamel bagalji anqas minn haddiema ohra, huwa kien ikollu l-opportunita li jispjega ghal liema raguni f'dik il-gurnata jew granet illarga mill-HBS u jghati spjegazzjoni ukoll ghal liema raguni kien ghamel bagalji anqas mill-haddiema l-ohra.**

**Kaz iehor li r-rikorrenti nstab hati kien fuq l-Anti-Bullying Policy. Rigward dan il-kaz it-Tribunal Industrijali jinnota, li l-unika zewg okkazzjonijiet li jissemma bullying kien meta Margaret Louise Camilleri fix-xhieda taghha tghid li semghat li r-rikorrenti kien jghamel bullying lill haddiema tal-G4S u l-okkazzjoni l-ohra li ssemma l-bullying kien fix-xhieda ta' Silavan Giordano fejn jghid li veru kien jilmenta mill-imgieba tar-rikorrenti imma jghid car li r-rikorrenti qatt ma ghamel bullying mieghu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jiehu nkonsiderazzjoni aspett iehor ta' dan il-kaz inkwestjoni dak li r-rikorrenti kiser il-Anti-Alcohol Policy.**

**Mill-provi li ezamina t-Tribunal Industrijali jirrizultalu, li r-rikorrenti qatt ma nstab li kien qed jixrob fuq il-post tax-xoghol imma kien hemm okkazzjoni meta r-rikorrenti kien xoghol u wara siegha li kien ilu xoghol intbghat id-dar mis-Sur Brincat.**

**Pero t-Tribunal Industrijali jinnota li mill-provi jirrizultalu, li l-gurnata ta' qabel li r-rikorrenti intbghat id-dar, Margaret Louise Camilleri l-ex partner tar-rikorrenti cemplet lis-Sur Brincat fejn qaltlu li r-rikorrenti kien dam jixrob barra u l-ghada kien se jmur fis-sakra ghax-xoghol u s-Sur Brincat jikkonferma li rcieva din it-telefonata u jghid li biex jiehu l-prekawazzjoni bghat lir-rikorrenti d-dar.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan il-kaz u l-modd kif ir-rikorrenti ntbghat id-dar li kwazi bla kliem u bla sliem, dan it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li is-Sur Brincat ha dik id-decizjoni bhala prekwazzjoni u jidher li kien influenzat mit-telefonata ta' Margaret Louise Camilleri li kienet ic-cempillhu ta' spiss biex tirraporta lir-rikorrenti fuq dak li kien jghamel fil-hin liberu tieghu barra l-post tax-xoghol.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijai ezamina ghal liema raguni Margaret Louise Camileeri kienet tirraporta ta' spiss lis-superjuri tar-rikorrenti u mil-ezami li ghamel it-Tribunal Industrijali jirrizultalu li**

**ghalkemm Margaret Louise Camilleri tghid li kienet kitbet l-ittra ta' 6 ta' April, 2020 lis-CEO tas-socjeta ntimata bhala tpattija ghax semghet lir-rikorrenti jghid li kien se jirraporta biex titkecca mix-xoghol pero mill-provi jirrizulta li minn ta' lanqas Margaret Louise Camilleri kienet ilha ghaddejja tirraporta lir-rikorrenti sa minn Dicembru, 2019 minn meta r-rikorrenti ddecieda li ma jkomplix bir-relazzjoni maghha ghal ragunijiet li huwa rrefera ghalihom fl'istqarrija tal-kaz tieghu.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali ezamina wkoll il-messagi li Margaret Louise Camilleri kienet tibghat lir-rikorrenti u fihom hemm thedded.**

**Meta t-Tribunal Industrijali jezamina dan il-kaz ma jeskludix li Maragret Louise Camilleri bit-telefonati li kienet taghmel lis-superjur tar-rikorrenti u azzjonijiet ohra kienu biex toskura lir-rikorrenti u setghet influenzat kemm is-superjuri tar-rikorrenti kif ukoll lil ta' madwaru fl'imgieba taghhom lejn ir-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali lanqas ma jeskludi li din il-persukazzjoni li kien ghaddej minnha r-rikorrenti setghet ikkrejat certa ansjeta fl'imgieba tieghu u anke setghat affettwatu psikologikament f'dan il-perjodu difficcli ta' hajtu.**

**It-Tribunal Industrijali qed jesprimi din l-opinjoni ghar-raguni, li kif jirrizulta mill-provi qabel ma r-rikorrenti kien qed jesperjenza din is-sitwazzjoni f'hajtu, skond ix-xhieda tas-Snr Officer prezenti is-Sur**

**Brincat fix-xhieda tieghu jghid li r-rikorrenti kien ta' xogholhu, jobdi u dejjem haddem tajjeb u dan gie kkonfermat mix-xhieda tas-Sur Aldo Spiteri li fil-passat kien Snr Officer tar-rikorrenti fejn huwa jghid, li ma jista jghid xejn fuq ir-rikorrenti ghax dejjem kien obidjenti u dejjem wera interess fuq ix-xoghol, kien parti minn teamwork u jmur tajjeb ma shabu fuq il-post tax-xoghol.**

**F'dawn il-kunsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll ix-xhieda tas-Sur Brincat meta jghid, li kien irraporta lill ta' fuqu dwar din is-sitwazzjoni bejn ir-rikorrenti u Margaret Louise Camilleri ghax kien qed jistenna li is-sitwazzjoni teskala.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li r-rapport li ghamel is-Sur Brincat lis-superjur tieghu gie kkonfermat mis-Sur Patrick Murgo fix-xhieda tieghu fejn anke kkonferma li r-rikorrenti kien kellmu ferm qabel ma Margaret Louise Camilleri bghatet l-ittra tas-6 ta' April 2020 u kien infurmah il-modd kif Margaret Louise Camilleri kienet qed tippersegwitah**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota wkoll, li l-management ma ha l-ebda azzjoni biex jipprotega lir-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li l-management naqas meta ma aggixxix biex jipprotegi lir-rikorrenti u primarjament ghax mill-provi jidher car li l'objettiv ta' Margaret Louise Camilleri li tghamel il-kuntatt kontinwu u dirett mas-superjuri tar-rikorrenti kien sabiex tinfluenzhom**

**fl'imgieba taghhom lejn ir-rikorrenti bl'ghan li zzomm lir-rikorrenti taht kontroll u ma jitterminax ir-relazzjoni maghha.**

**Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali jinnota, li ghalkemm wiehed jista' jirraguna li din is-sitwazzjoni kienet privata pero b'differenza ghax ghalkemm Margaret Louise Camilleri kienet tahdem ma kumpanija f'dan il-kaz G4S li hija differenti mill-Kumpanija Malta International Airport pero l-G4S hija kkuntrattata mill-Malta International International Airport biex isir xoghol ta' security fil-premises tal-Airport u s-securities tal-G4S jahdmu flimkien mas-securities tal-Malta International Airport u s-securities tal-G4S huma immaginjati mill-management tal-Malta International Aiport.**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li kien obbligu tal-management tal-Malta International Airport li jagixxixi biex jipprotegi lir-rikorrenti minn din il-persekuzzjoni.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-kunsiderazzjoni jinnota, li mill-provi li gew imressqa quddiemu, bazikament meta wiehed jigbor il-qofol tal-kaz kollu dan it-Tribunal Industrijali gie rinfaccat b'akkuzi li saru mill-ex partner tar-rikorrenti, minn Amanda Mizzi u minn Silvan Giordano. Dwar dan kien hemm ic-cahda tar-rikorrenti u mill-investigazzjoni li saret mis-Sur Stephen Brincat Snr Officer li hu s-superjur dirett tar-rikorrenti kien kkonkluda li ma kienx hemm kaz ta' dixxiplina jew provi sufficenti biex jipprocedi fil-konfront tar-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li meta r-rikorrenti gie mghoddi process ta' dixxiplina kien zvantaggjat ghax ma kienx jaf meta sehhew l-allegat kazijiet u ghaldaqstant ma setghax jghati spjegazzjoni ta' dak li gara dak inhar ta' l-allegat kazijiet kif ukoll, ghax ma kienx jaf meta graw il-kazijiet li gie akkuzat bihom lanqas setgha jressaq xhieda jew evidenza ohra bhal filmati tac-CCTV camera biex jipprova li hu ma kienx hati.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jinnota li fil-process ta' dixxiplina ir-rikorrenti nstab hati fuq il-probabilita li sehhew l-allegat kazijiet, pero meta t-Tribunal Industrijali jikkunsidra li r-rikorrenti kien ilhu fl-impieg ghal 26 sena u mill-provi jirrizulta li kien haddiem obidjenti u li jwettaq ix-xoghol tieghu kif ukoll kif gie spjegat f'din id-Decizjoni minhabba it-tres pass taz-zmien ma kienx f'qaghda li jressaq provi biex jipprova l-innocenza tieghu ma kellux jinstab hati ghax probabbli sehhew l-allegat kazijiet imma t-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li l-provi kellhom ikunu minghajr l-icken dubju u dan specjalment meta giet mghotija l-piena ta' terminazzjoni tal-impieg li hija meqjusa bhala l-piena kapitali fil-qasam tar-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet jasal ghal konkluzjoni u jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impjieg tar-rikorrenti kienet ingusta u saret bi ksur tal-Ligi.**

**It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll li r-rikorrenti ghandu jinghata kumpens minghand l-Malta International Airport ta' €18,000 (tmintax il-elf ewro) liema kumpens ghandu jigi mhallas fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID 19, ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol.**

**(Iffirmat)**
**Harold Walls**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Manicolo**

**Ghas-Segretarja**

**Data 15.12.2022**